# Toroq li nsibu f'Ħal Tarxien

*Joseph A. Farrugia*

## TRIQ SANTA MARIJA




Din it-triq nistgħu naqsmuha fi tnejn: parti qadima ħafna (mill-1557) u parti li bdiet tinbena mill-1900 'l hawn. Il-parti l-ġdida, biex insejħulha hekk, qabel l-1900 kienet tibda minn ħdejn Villa Lefevre u tispiċċa ħdejn il-kappella/knisja żgħira ta' Santa Marija bħala trejqa qalb l-għelieqi. Wara l-1904, dik il-parti mill-ġnien ta' Villa Lefevre 'l fuq bdiet tinbena fuq naħa waħda. Faċċata ta' dan il-bini minn Triq it-Tempji Neolitiċi sa Villa Tarxien (jew ta' Dunalistair jew fejn issa hemm il-familja Stubbs) kienet kollha ringiela ta' djar bil-loġoġ, bdiet tinbena wara l-1912.

F'Novembru 1966 infetħu l-bandli b'ħidma tal-Kunsill Ċiviku u wara s-snin sebgħin (1970) beda l-bini mill-bandli sa Villa Tarxien. 'Villa Dnalistair' jew Villa Tarxien' hi mibnija fuq l-iktar post għoli ta' Ħal Tarxien. Hi mdawra bl-inħawi li jgħidulhom 'Tal-Qalgħa' jew fortizza. Fi żmien il-Medju Evu jew iż–Żmien Nofsani, f'dawn in-naħat, anzi fil-ġnien ta' din il-villa kien hemm torri jew bini għoli, li kien jintuża min-nies tad-Dejma, biex jieħdu sinjali ta' nżul tal-furbani mill-għolja ta' Santa Margerita f'Bormla fuq naħa u lit-Torri tax-Xlejli jew minn xi bini għoli ieħor fil-Gudja min-naħa l-oħra. Għad hemm skrizzjoni, kitba fuq plakka bil-latin li qiegħda fuq il-bieb arkitettoniku tal-ġnien li tqiegħdet hemm meta dan il-bini kien imkabbar biex iservi ta' 'Palazzo Hunting Lodge' (palazz fej kienu jinġabru dawk li jkunu sejrin jew ġejjin mill-kaċċa) fl-1691. Dan it-torri kien imsejjaħ it-Torri ta' 'Wara l-Bjut' (għax mill-kappella ta' Santa Marija 'l fuq din il-parti ta' Triq Santa Marija tissejjaħ 'Wara l-Bjut') kif ukoll it-torri tal-Għassiewi, għax fi Żmien Nofsani kien jintuża biex issir għassa minnu minn membri tad-Dejma.

Għalkemm dan it-torri m'għadux jeżisti, min bena t-turretta, li hemm f'din id-dar kbira, mexa mat-tradizzjoni għax din it-turretta hi l-ogħla posta ta' Ħal Tarxien, 'il fuq minn (170 pied) 52 metru, li minn fuqha tista' tara kemm lill-għolja ta' Sanra Margerita f'Bormla, kif ukoll lill-ġnien ta' Bettina fejn minn dejjem kien hemm xi torri jew bini għoli.

Wieħed jikkonkludi li din il-villa kienet diġa' mibnija kif inhi fl-1869 meta l-pittur Taljan Giloramo Gianni pitter dan il-post. DIn il-pittura tinsab fil-'Museum of Fine Arts', il-Belt Valletta, bl-isem ta' 'Villa Tarxien'. Hu maħsub li l-ewwel sid ta' din il-villa kif inhi llum kien il-Ġeneral Simocoe Baynes li kien juża din il-villa bħala villeġġjatura tas-sajf. Il-Ġeneral Baynes Arthur, li kien 'Private Secretary' tal-Gvernatur u wara laħaq Lieutenant Governor kien ta l-isem lil din il-villa bħala 'Villa Dunalistair'. Fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija kienet użata mill-militar Ingliż. Mill-1920 din il-villa kienet użata bħala residenza privata tat-tabib prinċipali tal-biċċerija, Dr. Macfarlane. Għalhekk din il-villa kienet imsejħa bħala l-'Villa tat-tabib tal-Biċċerija' Fl-Aħħar Gwerra Dinjija (1940-45) baqgħet tintuża mill-familja tat-tabib. Wara l-1980 saret ir-residenza privata tal-familja Stubbs li tawha l-isem ta' 'Villa Tarxien'. Din il-Villa hi ndukrata sewwa u xi snin ilu kienet ġiet rinovata minn ġewwa. Fiha kmamar kbar, bi ġnien sabiħ ħafna bil-passaġġi taċ-ċangatura u fiha wkoll 'swimming pool'.

Fil-bidu ta' l-inħawi li jissejħu 'Wara l-Bjut' f'nofs Triq Santa Marija f'Ħal Tarxien, hemm kappella/ knisja żgħira ddedikata lil Santa Marija Assunta jew tal-15 t'Awissu f'rokna u qabel l-1909 il-bieb prinċipali kien fil-ġenb u jista' jkun li għalhekk hi msejħa 'Santa Marija tar-Rokna'. L-art fejn tinsab il-kappella tissejjaħ 'il-Qalgħa' li bis-Semitiku (Għarbi antik) turi li hemm xi darba kien hemm xi post iffortifikat jew xi fortizza u kulħadd jgħid li fortizza kienet tkun dejjem fl-għoli u fejn qiegħda din il-kappella hu żgur post fil-għoli, anzi l-ogħla post ta' Ħal Tarxien li minn hemm wieħed kien jista' jara lill-Birgu u lil xi bini għoli fil-Gudja. Fil-qrib insibu 'Strada Rocca', Triq il-Forti mhux kif inhi miktuba llum Triq il-Blata; dak kien żball li ħadd ma rranġah.

Fiż-żjara ta' Mons. Dusina, fl-1575 din il-kappella/knsija kienet diġà mwaqqfa u r-rettur tagħha kien Żanu Azzopardi mill-Birgu. Fir-rapport tiegħu jgħidilna li kien fiha artal, bieb ta' l-injam u affarijiet oħra neċessarji. Fll-festa tagħha kienu jsiru vespri u quddiesa. Il-kwadru titulari kien sar fl-1590 u kien jirrappreżenta l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Fin-naħa t'isfel kien hemm ix-xbihat ta' San Pawl u San Ġwann il-Battista. Mhux magħruf x'sar minnu dan il-kwadru.

Ngħiduha kif inhi, ftit għandna tagħrif dwar il-qedem tagħha, iżda mill-viżta pastorali li kien għamel Mons. Cagliares fl-1619, insibu miktub li din il-kappella twaqqfet għas-sena 1415, meta kien hemm l-Isqof Mons. Fra Antonio Platamone u fi żmienu l-Isqof Fra Giovanni Astirias kienet ġiet irranġata. Instabu dokumenti li juru li Donna Domenica, armla ta' Gentile Azzopardi, fl-atti tan-Nutar Gonsalvo Cansciur ħalliet legat ta' tliet skudi bħala piż fuq l-art magħrufa bħala ta' 'Xewkija' favur din il-kappella fl-1508. Fl-Assedju l-Kbir dawn l-inħawi kienu wżati mit-Torok. Il-kappella reġgħet ġiet mibnija minn Dun Ġammari Barbara fl-1688. Fuq il-kappella ta' Santa Marija l-Isqof Balaguer fl-1636 semma li kien hemm artal tal-ħaġar u xxbihat tal-Assunzjoni tal-Madonna, ta' San Ġwann Battista u San Pawl. Semma' wkoll żewġ kwadri oħra, wieħed ta' Santu Rokku u l-ieħor ta' San Bastjan; kif ukoll kanċell ta' l-injam li jaqsam l-artal mill-bqija tal-kappella. Kien jista' jsir quddies f'din il-kappella. Fi żmienu il-kappillan Dun Ġakbu Murga (1709) din il-kappella kienet ġiet irranġata biex in-nies ta' 'Wara l-Bjut' ikunu jistgħu jinqdew aħjar. Biex sar dan ix-xogħol inġabru l-flus mingħand l-Isqof Fra D. Cocca Palmieri (1684 - 1711) (Kalabriż) u minn fuq in-nies tar-raħal. Wieħed il kkontribwixxa biex dan ix-xogħol isir kien ċertu Ġwnni Dumink Calleja minn Ħal Tarxien. Lorenzo Bugeja, li kien benefattur ta' din il-knisja u li miet fid-19 ta' Marzu 1800, huwa l-unika persuna midfuna f'din il-knisja. X'aktarx li kien hu li ħallas (1771) għall-pittura ta' Rokku Buhagiar ta' Marija Assunta. B'diżpożizzjoni ta' testment imħolli minn Andrea u martu Tereża Muscat għand in-Nutar Massimiliano Troisi fl-10 ta' Maru ta' l-1826, dawn ħallew piż fuq l-art magħrufa bħala 'Tas-Salib' f'Ħal Tarxien biex f'din il-knisja ssir festa nhar l-Assunzjoni ta' Marija Santissima (15 t'Awissu) titulari ta' din il-kappella. Skond dan il-legat kienet (u għadha tiġi) ċċelebrata mhux biss quddiesa, imma wkoll l-għasar ta' lejliet u nhar il-festa, waqt li l-quddiesa kienet (u għadha) issir bis-solennità kollha. Fis-seklu li għadda (sa l-1909), kien jieħu ħsiebh din il-Kappella, Dun Franġisk Penza li b'żelu kbir, kien jiġbed bosta nies devoti minn dawn in-nahat, tant li kien ghamlilha ħafna ħtiġijiet u servizzi reliġjużi, fosthom quddiesa għall-kaċċaturi fl-4.00 a.m.. Dan il-benefattur minn flusu u minn xi ġbir bnielha żewġ kampnari u koppla li l-bnennejja tagħhom kienu l-aħwa Cassar, 'taz-Zakak' min Ħal Tarxien u ordna statwa tal-ġebel ta' Santa Marija u pittura ta' San Spiridjun (li t-Tarxiniżi ġabu d-devozzjoni lejh minn Korfu għal nofs is-seklu dsatax) (186080's) għand l-artist Francesco Faurè 'il-Franku'. Dun Franġisk ħalla salib sabiħ ta' l-avorju li qiegħed ġo niċċa antika. Bit-tibdil li għamel Dun Franġisk issa l-bieb prinċipali ġie fi Triq Santa Marija quddiem misraħ żgħir u hu mdawwar b'kanċell tal-ħadid. F'dak iż-żmien ukoll l-art ma baqgħetx iżjed taċ-ċangatura, iżda ġiet mgħottija bil-madum. Illum insibu li ż-żewġ artali li hemm f'din il-kappella huma ddedikati lill-Madonna; l-ewwel wieħed hu t-titular li hu ddedikat lil Marija Assunta, u li għandu pittura tassew sabiħa ta' Rokku Buhagiar, esegwita fl-1771. Din il-pittura hija kkunsidrata fost l-aqwa li għamel dan l-artist Malti. Hi pittura li turi kif tpitter tradizzjonalment Santa Marija; naraw kor ta' anġli qed tistrieħ fuq sħaba u fuq ras il-Madonna hemm kuruna bbjanjata bid-deheb. Din il-pittura, minbarra li tinsab fuq artal, tinsab imdawra bi prospettiva sabiħa ħafna u li fiha hemm ħafna anġli ħelwin. Tnejn minnhom li qegħidin fuq l-inkwadru qed iżommu l-iskrizzjoni AVE MARIA f'idejhom. Dawn l-anġli qegħdin skulturati fil-ġebel. Fuq l-artal l-ieħor insibu pittura antika tal-Madonna tar-Rużarju miġjuba hawn wara l-1723, li kienet fil-knisja parrokkjali minflok dik li hemm illum ta' Francesco Zahra. X'aktarx li l-art ta' quddiem il-bieb tal-ġenb kienet tintuża bħala midfen. Fuq il-bieb tal-ġenb, jiġifieri faċċata ta' l-artal tar-Rużarju hemm inkwadru tal-Madonna tal-Grazzja li qabel l-Aħħar Gwerra kienet issir purċissjoni bih f'dawn l-inħawi. Fis-sagristija ta' din il-kappella nsibu żewġ pitturi votivi. Fiż-żmien jghidu, skond il-Kav. R. Bonnici Calì, li kien hemm erbatax-il kwadru votiv li kienu jingħataw lill-kappella wara li jinqalgħu xi grazzja bl-interċessjoni tal-Madonna. Ħafna minnhom kienu jkunu għal xi ħelsien minn xi għarqa, għax kien hawn nies li kienu baħħara, billi din il-kappella kienet waħda mill-qrib tad-daħla ta' San Franġisk u tal-Birgu li għal ħafna żmien kien l-uniku port ta' Malta u inkwadri oħra minħabba xi mard.

Din il-kappella tkun armata sabiħa ħafna għall-festa tagħha. Il-ħajt ikun miksi bid-damask aħmar u





l-artali jkunu armati sbieħ ħafna. Il-faċċata tkun imżejna kollha bil-bozoz u jkun hemm armati ħafna bnadar. Kien jieħu ħsiebha għal ħafna snin Karmenu Massa, missier il-poeta Tarxiniż, Alfred Massa u Ġużeppi Dalli. Ta' min jgħid ukoll li għall-ħabta ta' l-1960 Karmenu Massa ġabar il-flus min-nies ta' l-inħawi biex għamel il-qanpiena il-kbira ta' din il-kappella. Wara ċertu żmien il-kappella, għaddiet f'idejn it-tfal ta' Ġużeppi Dalli, li kien sagristan tal-parroċċa għal aktar minn ħamsin sena. Il-kappella għamlet żmien f'idejn Frans Dalli u Joe Schembri u ħadem fiha wkoll Ġużeppi Cutajar. Dawn żammew l-użanza li jonoraw lill-Madonna fit-Tlugħ is-sema tagħha nhar il-ħnmistax t'Awissu ta' kull sena. Issa qiegħda fil-kura ta' Aurel Gafà u Daniel Schembri. Meta sa qabel l-Aħħar Gwerra in-nies kienu jagħmlu l-viżti tas-seba' Santa Marijiet, kienu jghaddu fiha wkoll. Wara li jgħidu t-talb bid-devozzjoni kienu jinġibdu lejha għax kient tkun imżejna tant tajjeb u wara li jitrejqu mill-ilma ta' l-għajn li kien hemm fil-qrib, kienu jkomplu fi triqithom. Sa l-1980, fi żmien il-kaċċa, kienet issir quddiesa fl-4.00 am li kient tissejjaħ il-quddiesa tal-kaċċaturi. Sa qabel l-aħħar Gwerra, fil-misraħ żgħir ta' quddiem din il-kappella kienu jagħmlu l-ħġejjeġ ta' San Ġwann, nhar l-24 ta' Ġunju.

Mill-kappella ta' Santa Marija 'il fuq tibda l-parti l-qadima ta' Triq Santa Marija. Din il-parti hi triq dejqa li hi mgħawġa sewwa. Meta bdew jiġu karozzi kbar jew trakkijiet kbar, ġieli barxu l-ħitan tad-djar ta' din it-triq li aħna f'Ħal Tarxien insejħulha 'Wara l-Bjut'. Il-bini ta' din il-parti hu qadim ħafna u jaf l-Assedju l-Kbir u anke qabel. Din il-parti ta' Ħal Tarxien ġiet immortalizzata bil-poeżija ta' Ninu Cremona li jisimha 'L-Għannej ta' Wara l-Bjut', li hu kitibha meta kien joqgħod hawn qabel l-1920. Din in-naħa antika ta' Ħal Tarxien qalgħet daqqa sew meta bejn l-1955 u 1958 parti mill-bini ta' din it-triq ġie mwaqqa' biex titwessa' l-istess triq. Wara l-2001 qalgħet daqqa oħra sew meta parti oħra mill-bini ġie mwaqqa' u minfloku telgħu tliet blokki ta' bini ta' tliet sulari 'l wieħed. B'hekk f'din it-triq għandna bini ta' żewġ sulari qadim ħafna ta' mijiet ta' snin ilu maġenb bini ġdid ta' tliet sulari li nbena riċenti. Mela l-preġju kollu ta' 'Wara l-Bjut' intilef għal kollox. Kellna bini u triq antika u m'apprezzajnihiex. Addio l-'urban conservation area' (l-u.c.a.) u l-liġi tal-'village core'!

Fit-tarf ta' din it-triq, qabel ma tiġi ħdejn u ma' l-istess ħajt tal-Bank tal-HSBC, hemm dar li għalkemm ġiet skedata fl-1994 hi mitluqa għall-aħħar. Din id-dar insibuha bħala 'd-dar ta' Manduca'. Staqsejt lil xi nies li għandhom kunjomhom 'Manduca' iżda ħadd ma qal li hi tiegħu. Jekk wieħed iħares sewwa lejn din id-dar jinduna bil-kuntrast li hemm bejn is-sular ta' isfel u s-sular ta' fuq. Is-sular ta' isfel hu lixx għal kollox filwaqt li s-sular ta' fuq hu mżejjen bi twieqi li l-ornament tagħhom (il-fjurdaliż) juri li min bnieha kien ta' nisel, aktarx xi kavallier, jew nobbli, Franċiż. Il-gwarniċ tat-twieqi fihom bħal wardiet u fjurdaliżi skolpiti fil-ġebel. L-arkitettura ta' din id-dar tfakkrek fil-bini li bnew il-kavallieri fil-Birgu wara li ġew minn Rodi; għalhekk hi ta' żmien is-seklu sittax. Fuq it-twieqi tas-sular ta' fuq u fil-ħoġor tagħhom hemm dak li jissejjaħ 'triple roll moulding' għax magħmulin qishom tliet targiet. Din id-dar kellha wkoll ġnien li kien jasal sa Triq il-Kbira u fil-bidu t' Triq Sant'Anna, li billi ma kienx skedat ġie mogħti għall-bini u llum hemm bini bi tliet sulari. Wieħed jistħi jgħid li dar bħal din hi żdingata u hi wżata biex fiha jpoġġu l-għalf ta' l-annimali.

## Xi tagħrif dwar Sta. Marija l-Assunta

Sa mill-qedem, l-Insara emmnu li Marija wara mewtha ġiet irxuxtata minn Kristu u mtellgħa s-Sema bir-ruħ u bil-ġisem. Kien hemm ukoll xi ftit teoloġi li qalu li Marija ma mietet xejn, imma ġiet imtellgħa s-sema minghajr ma daqet il-mewt. Fost Dutturi kbar li ddefendew din il-verità insemmu lil San Ġwann Damaxxenu, San Ġermanu Patrijarka ta' Kostantinopli, Sant'Antnin ta' Padova, Sant'Albertu Manju, San Pietru Kanisju u San Lawrenz minn Brindisi. Fl-1 ta' Novembru 1950 festa tal-Qaddisin kollha, il-Papa Piju XII mar jiddikjara din il-verità bħala Domma tal-Fidi. Għax minħabba l-fatt li l-Mulej tnissel f'Marija u twieled minnha, ma kienx ikun xieraq li l-ġisem tagħha, Verġni Immakulata jara t-taħsir tal-qabar. Ma ninsewx fl-aħħarnett li Marija Assunta hija l-Patruna Prinċipali ta' Malta u Għawdex. Barra minhekk, hija wkoll il-Patruna ta' Franza, tal-Paragwaj (li l-Kapitali tagħha jisimha Asuncion għall-Assunta) tal-Ġamajka, ta' l-Afrika t'Isfel u ta' New Caledonia. Il-knejjes taċ–Ċisterċensi skond ix-xewqa ta' San Bernard, huma l-biċċa l-kbira ddedikati lill-Assunta, kif huma wkoll il-Katidrali kollha tal-Portugal u tant u tant katidrali, bażiliċi u knejjes oħra. F'Malta hawn disa' parroċċi ddedikati lit-Tlugħ fis-sema ta' Sidna Marija.